



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 12 ta' Diċembru 2018
(OR. en)**

2017/0004 (COD)

PE-CONS 60/18

**SOC 640
EMPL 488
SAN 343
IA 328
CODEC 1756**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol

DIRETTIVA (UE) 2018 / ...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

**li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati
mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 153(2), flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 153(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,¹

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 56.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2018 (għadha ma hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għandha l-għan li tipproteġi lill-ħaddiema minn riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. Dik id-Direttiva tipprevedi livell konsistenti ta' protezzjoni mir-riskji relatati ma' karċinoġeni u mutaġeni permezz ta' qafas ta' prinċipji ġenerali li jippermetti lill-Istati Membri jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti minimi. Valuri ta' limitu vinkolanti ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol stabbiliti abbażi ta' informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika, fattibbiltà ekonomika, valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt soċjoekonomiku u d-disponibbiltà ta' protokollu u tekniki tal-kejl tal-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol, huma komponenti importanti tal-arranġamenti ġenerali għall-protezzjoni tal-ħaddiema stabbiliti b'dik id-Direttiva. F'dak il-kuntest, huwa essenzjali li fejn ikun hemm inċertezzi jittieħed kont tal-prinċipju ta' prekawzjoni. Ir-rekwiżiti minimi previsti f'dik id-Direttiva għandhom l-għan li jipproteġu lill-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu valuri ta' limitu vinkolanti ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol u miżuri protettivi oħra li jkunu aktar stretti.

¹ Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50).

- (2) Il-valuri ta' limitu ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol huma parti mill-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju skont id-Direttiva 2004/37/KE. Il-konformità ma' dawk il-valuri ta' limitu hija mingħajr peregudizzju għall-obbligi ta' impjegaturi oħrajn skont dik id-Direttiva, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-użu ta' karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għal karċinoġeni u mutaġeni u miżuri li jenħtieġ li jiġu implimentati għal dak l-għan. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu, sa fejn ikun teknikament possibbli, is-sostituzzjoni tal-karċinoġenu jew il-mutaġenu b'sustanza, taħlita jew proċess li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż għas-saħħa tal-ħaddiema, l-użu ta' sistema magħluqa jew miżuri oħrajn li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-livell tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għal livell li jkun l-aktar baxx possibbli, u b'hekk titrawwem l-innovazzjoni.
- (3) Għall-maġġoranza tal-karċinoġeni u tal-mutaġeni, mhuwiex xjentifikament possibbli li jiġu identifikati livelli li taħthom l-espożizzjoni ma twassalx għal effetti negattivi. Filwaqt li l-istabbiliment tal-valuri ta' limitu fuq il-post tax-xogħol fir-rigward ta' karċinoġeni jew mutaġeni skont din id-Direttiva ma jeliminax ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jirriżultaw minn espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol (riskju residwu), madankollu dan jikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti fir-riskji li jirriżultaw minn tali espożizzjoni fl-approċċ gradwali u bbażat fuq l-istabbiliment tal-obiettivi skont id-Direttiva 2004/37/KE. Għal karċinoġeni u mutaġeni oħrajn, huwa xjentifikament possibbli li jiġu identifikati livelli li taħthom l-espożizzjoni ma tkunx mistennija twassal għal effetti negattivi.

- (4) Il-livelli massimi ta' espożizzjoni tal-ħaddiema għal xi karċinoġeni jew mutaġeni huma stabbiliti minn valuri ta' limitu li, skont id-Direttiva 2004/37/KE, ma għandhomx jinqabżu. Jenħtieġ li dawk il-valuri ta' limitu jiġu riveduti u jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għal karċinoġeni jew mutaġeni addizzjonali.
- (5) Jenħtieġ li l-valuri ta' limitu stabbiliti f'din id-Direttiva jiġu riveduti meta jkun meħtieġ fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika u l-aqwa prattiki, tekniki u protokollu għall-kejl tal-livell ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol ibbażati fuq l-evidenza. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni, jekk ikun possibbli, tinkludi data dwar riskji residwi għas-saħħa tal-ħaddiema u opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol (SCOEL) u l-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH). L-informazzjoni relatata mar-riskju residwu, li ssir disponibbli għall-pubbliku fil-livell tal-Unjoni hija siewja għall-ħidma futura biex tillimita r-riskji mill-espożizzjoni għal karċinoġeni u mutaġeni fuq ix-xogħol, inkluż għal reviżjonijiet futuri tal-valuri ta' limitu stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (6) Mhux aktar tard minn matul l-ewwel tliet xhur tal-2019, il-Kummissjoni, b'kont meħud tal-aktar żviluppi reċenti fl-għarfien xjentifiku, jenħtieġ li tevalwa l-opzjoni li l-ambitu tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi emendat biex jinkludi sustanzi riprotossiċi. Abbażi ta' dak, il-Kummissjoni jenħtieġ tippreżenta proposta leġislattiva, jekk ikun il-każ, wara konsultazzjoni mal-amministrazzjoni u mal-ħaddiema.

- (7) Għal xi karċinoġeni mingħajr valur ta' limitu mhuwiex possibbli li jiġi dderivat valur ta' limitu ta' espożizzjoni ibbażat fuq is-saħħa, madankollu huwa possibbli li jiġi stabbilit valur ta' limitu għal dawk il-karċinoġeni bbażat fuq l-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika.
- (8) Sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni kontra xi karċinoġeni u mutaġeni, huwa neċessarju li jiġu kkunsidrati modi oħra ta' assorbiment, inkluż il-possibbiltà ta' assorbiment mill-ġilda.
- (9) L-SCOEL jassisti lill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-evalwazzjoni tal-aħħar data xjentifika disponibbli u biex tipproponi valuri ta' limitu ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għall-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji kimiċi, li għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE¹ u d-Direttiva 2004/37/KE. L-ACSH huwa korp tripartitiku li jassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. B'mod partikolari, l-ACSH jadotta opinjonijiet tripartitiċi dwar inizjattivi biex jiġu stabbiliti valuri ta' limitu ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol fil-livell tal-Unjoni abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika kif ukoll data dwar aspetti soċjali u dwar il-fattibbiltà ekonomika ta' dawk l-inizjattivi. Ġew ikkunsidrati wkoll sorsi oħra ta' informazzjoni xjentifika, adegwament robusta u fid-dominju pubbliku, b'mod partikolari l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u aġenziji nazzjonali.

¹ Direttiva tal-kunsill 98/24/KE tas-7 ta'April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).

- (10) Il-ħidma tal-SCOEL u t-trasparenza ta' dik il-ħidma huma integrali għal proċess ta' politika responsabbli. Jekk il-ħidma tal-SCOEL għandha tiġi riorganizzata, jenħtieġ li jiġu garantiti rizzorsi dedikati u l-għarfien espert speċifiku dwar l-epidemjoloġija, it-tossikoloġija, il-mediċina okkupazzjonali u l-iġjene okkupazzjonali jenħtieġ li ma jintilifx.
- (11) L-emendi għall-Annessi I u III għad-Direttiva 2004/37/KE previsti f'din id-Direttiva jikkostitwixxu pass ieħor fi proċess aktar fit-tul biex tiġi aġġornata d-Direttiva 2004/37/KE. Bħala l-pass li jmiss f'dak il-proċess, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu u notazzjonijiet tal-ġilda fir-rigward ta' ħames karċinoġeni addizzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qalet fil-Komunikazzjoni tagħha tal-10 ta' Jannar 2017 intitolata "Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd — Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġislazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali" jenħtieġ li jkun hemm aktar emendi għad-Direttiva 2004/37/KE. Il-Kummissjoni jenħtieġ li, fuq bażi kontinwa, tkompli bil-ħidma tagħha fir-rigward tal-aġġornamenti tal-Annessi I u III għad-Direttiva 2004/37/KE, f'konformità mal-Artikolu 16 tagħha u l-prattika stabbilita, u meta jkun meħtieġ temendahom fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika miksuba progressivament bħal data dwar riskju residwu. Dik il-ħidma għandha tirriżulta, fejn ikun il-każ, fi proposti għal reviżjonijiet futuri tal-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE u f'din id-Direttiva, kif ukoll fi proposti għal sustanzi, taħlitiet u proċessi addizzjonali fl-Anness I u valuri ta' limitu addizzjonali fl-Anness III.

- (12) Huwa importanti li jkunu protetti l-ħaddiema esposti għal sustanzi karċinoġeniċi jew mutaġeniċi li jirriżultaw mit-tħejjija, l-ġhoti jew ir-rimi ta' mediċini perikolużi, inkluż mediċini ċitostatiċi jew ċitotossiċi, u minn xogħol li jinvolvi l-espożizzjoni għal sustanzi karċinoġeniċi jew mutaġeniċi fit-tindif, it-trasport, il-ħasil u r-rimi tal-iskart ta' mediċini perikolużi jew ta' materjali kkontaminati b'mediċini perikolużi, kif ukoll fil-kura personali għall-pazjenti bi trattament ta' mediċini perikolużi. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni ħarġet gwida biex jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fis-settur tal-kura tas-saħħa, inkluż dwar ir-riskju relatat mal-espożizzjoni għal mediċini ċitostatiċi jew ċitotossiċi, fi gwida dedikata għall-prevenzjoni u l-prattika tajba. Din il-gwida hija mingħajr preġudizzju għal proposti leġiżlattivi jew għal inizjattivi oħra ulterjuri possibbli.
- (13) Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-SCOEL u tal-ACSH, fejn disponibbli, il-valuri ta' limitu għar-rotta ta' inalazzjoni tal-espożizzjoni huma stabbiliti b'rabta ma' perijodu ta' referenza ta' medja ponderata skont il-ħin ta' tmien sigħat (valuri ta' limitu tal-espożizzjoni fit-tul) u, għal ċerti karċinoġeni jew mutaġeni għal perijodu ta' referenza iqsar, b'mod ġenerali medja ponderata skont il-ħin ta' ħmistax-il minuta (valuri ta' limitu tal-espożizzjoni għal żmien qasir), sabiex jiġu limitati, sa fejn hu possibbli, l-effetti li jirriżultaw minn espożizzjoni għal żmien qasir. In-notazzjonijiet tal-ġilda huma stabbiliti wkoll f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-SCOEL u tal-ACSH. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll sorsi addizzjonali ta' informazzjoni xjentifika li jkunu adegwament robusti u fid-dominju pubbliku.

- (14) Il-prinċipju ta' prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol jenħtieġ li jiġi promoss ukoll fir-rigward tal-effetti ta' karċinoġeni u mutaġeni fuq il-ġenerazzjonijiet tal-futur, bħall-impatti negattivi fuq il-kapaċità riproduttiva kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa, kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-fetu. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkondividu l-aħjar prattiki f'dan il-qasam.

- (15) Hemm biżżejjed evidenza tal-karċinoġeniċità taż-żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrifikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna. Dawk iż-żjut tal-magna minerali użati huma ġġenerati minn proċess u, għalhekk, mhumiex soġġetti għal klassifikazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. L-SCOEL identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda għal dawk iż-żjut, ikkonkluda li l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol isseħħ permezz tar-rotta dermali u rrakkomanda ħafna li tiġi stabbilita notazzjoni tal-ġilda. L-ACSH qabel li ż-żjut tal-magna minerali użati jenħtieġ li jiżdiedu mas-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi karċinoġeniċi elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2004/37/KE u dwar il-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Firxa tal-aħjar Prattiki jistgħu jintużaw biex jillimitaw l-espożizzjoni tal-ġilda, inkluż l-użu ta' tagħmir għall-protezzjoni personali bħall-ingwanti, u t-tneħħija u t-tindif ta' lbies ikkontaminat. L-osservanza sħiħa ta' dawk il-prattiki, kif ukoll tal-aħjar Prattiki ġodda li jinħolqu, tista' tgħin biex tonqos dik l-espożizzjoni. Għaldaqstant, jixraq li jiġi inkluż xogħol li jinvolve spożizzjoni għal żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrifikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna fl-Anness I għad-Direttiva 2004/37/KE u li tiġi attribwita notazzjoni tal-ġilda fl-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.

¹ Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

- (16) Teżisti biżżejjed evidenza tal-karċinoġeniċità tal-emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil li jirriżultaw mill-kombustjoni tal-karburant tad-diżil fil-magni ta' tqabid bil-kompressjoni. L-emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil huma ġġenerati minn proċess u, għalhekk, mhumiex soġġetti għal klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. L-ACSH qabel li emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil tradizzjonali jenħtieġ li jiżdiedu mas-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi karċinoġeniċi elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2004/37/KE u talab aktar investigazzjonijiet dwar l-aspetti xjentifiċi u tekniċi ta' tipi ta' magni aktar ġodda. L-IARC ikklassifikat l-egżost minn magni diżil bħala karċinoġeniku għall-bnedmin (kategorija 1 tal-IARC) u l-IARC speċifikat li filwaqt li l-ammont tal-partikuli u l-kimiċi huwa mnaqqas fit-tipi aktar ġodda ta' magni diżil, għadu mhux ċar kif il-bidliet kwantitattivi u kwalitattivi jistgħu jissarrfu f'effetti differenti fuq is-saħħa. L-IARC speċifikat ukoll li huwa komuni li jintuża l-karbonju elementali, li jikkostitwixxi proporzjon sinifikanti minn dawg l-emissjonijiet, bħala markatur tal-espożizzjoni. Minħabba f'hekk, u fid-dawl tal-għadd ta' ħaddiema esposti, huwa xieraq li x-xogħol li jinvolvi espożizzjoni għall-emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil jiddaħħal fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE u li jiġi stabbilit fl-Anness III tiegħu valur ta' limitu għall-emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil ikkalkulati fuq il-karbonju elementali. Jenħtieġ li l-entrati fl-Annessi I u III għad-Direttiva 2004/37/KE jkopru l-emissjonijiet tal-egżost minn kull tip ta' magna diżil.

- (17) Fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil, valur ta' limitu ta' 0,05 mg/m³ imkejjel bħala karbonju elementali jista', f'xi setturi, ikun diffiċli biex jinkiseb fi żmien qasir. Għaldaqstant, minbarra l-perijodu ta' trażpożizzjoni, jenħtieġ li jiġi introdott perijodu tranżitorju ta' sentejn qabel ma jkun japplika l-valur ta' limitu. Madankollu, għas-setturi tal-estrazzjoni ta' taħt l-art u l-bini tal-mini, qabel ma jkun japplika l-valur ta' limitu, minbarra l-perijodu ta' trażpożizzjoni, jenħtieġ li jiġi introdott perijodu tranżitorju ta' ħames snin.
- (18) Ċerti taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs), b'mod partikolari dawk li fihom il-benzo[a]piren, jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniċi (tal-kategorija 1A jew 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huma karċinoġeni kif definiti fid-Direttiva 2004/37/KE. L-espożizzjoni għal tali taħlitiet tista' sseħħ matul ix-xogħol li jkun jinvolvi proċessi ta' ħruq, bħal mill-egżost ta' magna b'kombustjoni, u proċessi ta' kombustjoni b'temperatura għolja, fost oħrajn. L-SCOEL identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda għal dawk it-taħlitiet u l-ACSH qabel dwar l-importanza li jiġi introdott valur ta' limitu tal-espożizzjoni okkupazzjonali għat-taħlitiet tal-PAHs u rakkomanda li titwettaq ħidma biex jiġu evalwati l-aspetti xjentifiċi bil-ħsieb li jiġi propost valur ta' limitu tal-espożizzjoni okkupazzjonali fil-futur. Għaldaqstant, jixraq li tiġi attribwita notazzjoni tal-ġilda fl-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Jenħtieġ li jsiru wkoll investigazzjonijiet ulterjuri biex jiġi vvalutat jekk hemmx bżonn jiġi stabbilit valur ta' limitu għal taħlitiet ta' PAHs sabiex il-ħaddiema jkunu protetti aħjar minn dawk it-taħlitiet.

- (19) It-trikloroetilene jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (tal-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. L-SCOEL identifika t-trikloroetilene bħala karċinoġenu ġenotossiku. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika, huwa possibbli li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għat-trikloroetilene b'rabta ma' perijodu ta' referenza ta' tmien sigħat (valur ta' limitu fit-tul) u ma' perijodu ta' referenza iqsar ta' medja ponderata skont il-ħin ta' ħmistax-il minuta (valur ta' limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir). Għal dak il-karċinoġenu, l-SCOEL identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda u l-ACSH qabel dwar valur ta' limitu prattiku abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika. Għaldaqstant jixraq li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu ta' espożizzjoni fit-tul u għal żmien qasir għat-trikloroetilene u li jiġi attribwit notazzjoni tal-ġilda fl-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-evidenza xjentifika u l-progress tekniku, il-valuri ta' limitu għal dik is-sustanza jenħtieġ li jinżammu taħt rieżami partikolarment mill-qrib.

- (20) 4,4'-Metilendianilina (MDA) tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (tal-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk hija karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. L-SCOEL ikkonkluda li mhuwiex possibbli li jiġi dderivat limitu ta' espożizzjoni bbażat fuq is-saħħa għal dak il-karċinoġenu mingħajr valur ta' limitu. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika, huwa possibbli, madankollu, li jiġi stabbilit valur ta' limitu għal 4,4'-Metilendianilina. Għal dak il-karċinoġenu, l-SCOEL identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda u l-ACSH qabel dwar valur ta' limitu prattiku, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti valur ta' limitu għal 4,4'-Metilendianilina u li tiġi attribwita notazzjoni tal-ġilda fl-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.
- (21) L-epikloroidrina (1-kloro-2,3-epossipropan) tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (tal-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk hija karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. L-SCOEL ikkonkluda li mhuwiex possibbli li jiġi derivat valur ta' limitu ta' espożizzjoni bbażat fuq is-saħħa għal dak il-karċinoġenu mingħajr valur ta' limitu u rrakkomanda li tiġi evitata l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol. Għall-epikloroidrina, l-SCOEL identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda u l-ACSH qabel dwar valur ta' limitu prattiku, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti valur ta' limitu għall-epikloroidrina u li tiġi attribwita notazzjoni tal-ġilda fl-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.

- (22) Id-dibromur tal-etilene (1,2-dibromoetan, EDB) jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (tal-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. L-SCOEL ikkonkluda li mhuwiex possibbli li jiġi derivat valur ta' limitu ta' espożizzjoni bbażat fuq is-saħħa għal dak il-karċinoġenu mhux ta' limitu u rrakkomanda li tiġi evitata l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol. Għad-dibromur tal-etilene, l-SCOEL identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda u l-ACSH qabel dwar valur ta' limitu prattiku, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti valur ta' limitu għad-dibromur tal-etilene u li jiġi attribwit notazzjoni tal-ġilda fl-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.
- (23) Id-diklorur tal-etilene (1,2-dikloroetan, EDC) jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (tal-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. L-SCOEL ikkonkluda li mhuwiex possibbli li jiġi dderivat valur ta' limitu ta' espożizzjoni ibbażat fuq is-saħħa għal dak il-karċinoġenu mingħajr valur ta' limitu. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika, huwa possibbli, madankollu, li jiġi stabbilit valur ta' limitu għad-diklorur tal-etilene. Għad-diklorur tal-etilene, l-SCOEL identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda u, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika, l-ACSH qabel dwar valur ta' limitu prattiku, filwaqt li enfasizza n-nuqqas ta' data xjentifika robusta u aġġornata, speċjalment dwar il-modalità ta' azzjoni. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti valur ta' limitu għad-diklorur tal-etilene u li jiġi attribwit notazzjoni tal-ġilda fl-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.

- (24) Il-'Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema Permezz tat-Trattament u l-Użu Tajjeb tas-Silika Kristallina u tal-Prodotti li fihom is-Silika Kristallina', iffirmit mill-assoċjazzjonijiet li tiffirmaw in-Netwerk Ewropew għas-Silika (NEPSI), u ftehimiet oħrajn tas-sħab soċjali, li jipprovdi, flimkien ma' miżuri regolatorji, gwida u għodod li jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi tal-impjegaturi stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE, huma strumenti prezżjużi li jikkomplementaw il-miżuri regolatorji. Filwaqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ lis-sħab soċjali jikkonkludu ftehimiet bħal dawn. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità ma' ftehimiet bħal dawn ma tirriżultax fi preżunzjoni ta' konformità mal-obbligi tal-impjegaturi stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE. Jenħtieġ li tiġi ppubblikata lista aġġornata regolarment ta' ftehimiet bħal dawn fuq is-sit web tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA).
- (25) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-ASCH u wettqet konsultazzjoni f'żewġ stadji mas-sħab soċjali Ewropej skont l-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (26) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tagħha.

- (27) Il-valuri ta' limitu stabbiliti f'din id-Direttiva ser jinżammu taħt reviżjoni fid-dawl tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u tal-opinjoni jiet ta' żewġ kumitati tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), (il-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju (RAC) u tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC)), b'mod partikolari sabiex tiġi kkunsidrata l-interazzjoni bejn il-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE u r-relazzjonijiet bejn id-doża u l-effett, l-informazzjoni dwar l-espożizzjoni proprja, u fejn disponibbli, id-DNELs (Livelli Derivati ta' Bla Effett) derivati għal sustanzi kimiċi perikolużi f'konformità ma' dak ir-Regolament sabiex il-ħaddiema jkunu protetti b'mod effettiv.
- (28) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien u li tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema minn riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-espożizzjoni għal karċinoġeni u mutaġeni, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

¹ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

- (29) Minħabba li din id-Direttiva tikkonċerna l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom, jenħtieġ li din tiġi trasposti fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
- (30) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2004/37/KE tiġi emendata skont dan.
- (31) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' dokumenti ta' dak it-tip hija ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 1

Id-Direttiva 2004/37/KE hija emendata kif ġej:

- (1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 13a

Ftehimiet bejn is-shab soċjali

Il-ftehimiet bejn is-sħab soċjali possibbilment konklużi fil-qasam ta' din id-Direttiva għandhom ikunu elenkati fuq is-sit web tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata b'mod regolari.";

- (2) Fl-Anness I għandhom jinżiedu l-punti li ġejjin:

"7. Xogħol li jinvolve l-espożizzjoni tal-ġilda għal żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna.

8. Xogħol li jinvolve l-espożizzjoni għal emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil.";

- (3) L-anness III huwa sostitwit bit-test imniżżel fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

"ANNEX III

VALURI TA' LIMITU U DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA RELATATI B'MOD DIRETT (ARTIKOLU 16)

A. VALURI TA' LIMITU GĦALL-ESPOŻIZZJONI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Isem tal-aġent	Nru tal-KE ⁽¹⁾	Nru tas-SAK ⁽²⁾	Valuri ta' limitu						Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
			8 sigħat ⁽³⁾			Terminu qasir ⁽⁴⁾				
			mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾	mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾		
Trab tal-injam iebes	–	–	2 ⁽⁸⁾	–	–	–	–	–	–	Valur limitu 3 mg/m ³ sas-17 ta' Jannar 2023

Isem tal-aġent	Nru tal-KE ⁽¹⁾	Nru tas-SAK ⁽²⁾	Valuri ta' limitu						Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
			8 sigħat ⁽³⁾			Terminu qasir ⁽⁴⁾				
			mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾	mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾		
Komposti tal-Kromju (VI) li huma karċinoġeni, fis-sens tal-punt (i) tal-Artikolu 2(a) (bħala kromju)	–	–	0,005	–	–	–	–	–	–	<p>Valur limitu 0,010 mg/m³ sas-17 ta' Jannar 2025</p> <p>Valur limitu: 0,025 mg/m³ għal proċessi għal iwweldjar jew qtugħ bil-plasma jew proċessi ta' xogħol simili li jiġġeneraw dħaħen sas-17 ta' Jannar 2025</p>

Isem tal-aġent	Nru tal-KE ⁽¹⁾	Nru tas-SAK ⁽²⁾	Valuri ta' limitu						Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
			8 sigħat ⁽³⁾			Terminu qasir ⁽⁴⁾				
			mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾	mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾		
Fibri taċ-ċeramika refrattarji li huma karċinoġeni fis-sens tal-punt (i) tal-Artikolu 2(a)	–	–	–	–	0,3	–	–	–	–	
Trab tas-silika kristallina respirabbli	–	–	0,1 ⁽⁹⁾	–	–	–	–	–	–	
Benżen	200-753-7	71-43-2	3,25	1	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
Monomeru tal-vinil klorur	200-831-0	75-01-4	2,6	1	–	–	–	–	–	
Ossidu tal-etilen	200-849-9	75-21-8	1,8	1	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
1,2-Epossipropan	200-879-2	75-56-9	2,4	1	–	–	–	–	–	
Trikloroetilene	201-167-4	79-01-6	54,7	10	–	164,1	30	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	

Isem tal-aġent	Nru tal-KE ⁽¹⁾	Nru tas-SAK ⁽²⁾	Valuri ta' limitu						Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
			8 sigħat ⁽³⁾			Terminu qasir ⁽⁴⁾				
			mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾	mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾		
Akrilammid	201-173-7	79-06-1	0,1	–	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
2-Nitropropan	201-209-1	79-46-9	18	5	–	–	–	–	–	
o-Toluwidina	202-429-0	95-53-4	0,5	0,1	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
4,4'-Metilendianilina	202-974-4	101-77-9	0,08	–	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
Epikloroidrina	203-439-8	106-89-8	1,9	–	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
Dibromur tal-etilene	203-444-5	106-93-4	0,8	0,1	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
1,3-Butadjen	203-450-8	106-99-0	2,2	1	–	–	–	–	–	
Diklorur tal-etilene	203-458-1	107-06-2	8,2	2	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
Idrazina	206-114-9	302-01-2	0,013	0,01	–	–	–	–	ġilda ⁽¹⁰⁾	
Bromoetilena	209-800-6	593-60-2	4,4	1	–	–	–	–	–	

Isem tal-aġent	Nru tal-KE ⁽¹⁾	Nru tas-SAK ⁽²⁾	Valuri ta' limitu						Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
			8 sigħat ⁽³⁾			Terminu qasir ⁽⁴⁾				
			mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾	mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾		
Emissjonijiet tal-egżost minn magni diżil			0,05*							Il-valur ta' limitu għandu japplika minn... [erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]. Għall-estrazzjoni ta' taħt l-art u l-bini tal-mini, il-valur ta' limitu għandu japplika minn...[seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]

Isem tal-aġent	Nru tal-KE ⁽¹⁾	Nru tas-SAK ⁽²⁾	Valuri ta' limitu						Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
			8 sigħat ⁽³⁾			Terminu qasir ⁽⁴⁾				
			mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾	mg/m ³⁽⁵⁾	ppm ⁽⁶⁾	f/ml ⁽⁷⁾		
Taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, b'mod partikolari dawk li fihom il-benzo[a]piren, li huma karċinoġeni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva									ġilda ⁽¹⁰⁾	
Żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrifikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna									ġilda ⁽¹⁰⁾	

-
- (1) In-Nru tal-KE, jġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.
 - (2) Nru tas-SAK: in-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.
 - (3) Imkejla jew ikkalkulati b'rabta ma' perijodu ta' referenza tal-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin ta' tmien sigħat (TWA).
 - (4) Limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur ta' limitu li 'l fuq minnu ma għandux ikun hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.
 - (5) mg/m^3 = milligrammi kull metru kubu ta' arja b' 20°C u 101,3 kPa (pressjoni tal-merkurju ta' 760 mm).
 - (6) ppm = partijiet kull miljun b'volum fl-arja (ml/m^3).
 - (7) f/ml = fibri kull millilitru.
 - (8) Frazzjoni li tista' tinġibed 'il ġewwa man-nifs: jekk it-trabijiet tal-injam iebes jitħalltu ma' trabijiet ta' njam ieħor, il-valur ta' limitu għandu japplika għat-trabijiet kollha tal-injam li jkunu preżenti f'dik it-taħlita.
 - (9) Frazzjoni respirabbli.
 - (10) Kontribuzzjoni sostanzjali għall-piż totali tal-ġisem mill-espożizzjoni tal-ġilda possibbli.
- * Imkejla bħala karbonju elementali.

B. DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA RELATATI B'MOD DIRETT

p.m."
